MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 58/2001/1

**Felix Demicoli ghan-nom tal-interdetta Maria Carmela Demicoli**
**kif awtorizzat permezz ta' digriet tas-Sekond'Awla Qorti Civili numru 1813/00**

**Vs**

**Rev. Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz tieghu l-konvenut gie msejjah quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Jirritorna fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti kwadru tal-gebel bi xbieha tal-Madonna bil-Bambin, li jinsab fil-pussess tieghu, liema inkwadru jifforma parti mill-assi tal-interdetta Maria Carmela Demicoli;**

**2. Ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-valur ma jeccedix Lm300;**

**3. Bl-ispejjez;**

**Rat in-nota datata d-9 ta’ Frar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament hu m’huwiex il-persuna idonea li kellha tigi mharrka billi b’digriet tal-Monsinjur Arcisqof kien esawtorixxa lil kull kappillan mill-amministrazzjoni ta’ kull beni tal-Knisja u assuma hu stess l-istess amministrazzjoni (Dok AA), b’mod li kull azzjoni gudizzjarja llum trid issir kontra l-Ekonomu ta’ l-istess Monsinjur Arcisqof (ara sentenza preliminari 16 ta’ Gunju 1995 in re. “Michael Seychell et vs John Abela” attwalment pendenti quddiem il-Prim’ Awla u tinsab differita ghas-seduta tat-8 ta’ Frar tas-sena 2001);**

**2. Illi fil-meritu, it-talba hi nfondata billi x-xbieha tal-Madonna, (li tifforma l-mertu tat-talba), kienet giet moghtija lill-Knisja Parrokkjali ta’ Hal-Luqa , wara li kienet iggarrfet fil-gwerra, billi d-donanti xtaqu li din l-ixbiha tinzamm ghall-qima tal-poplu, (ara l-annessa dikjarazzjoni datata 19 ta’ Frar tas-sena 2000 minn Mary Anne Camilleri);**

**Rat ir-rikors tal-konvenut datat l-10 ta’ April tas-sena 2001 li permezz tieghu talab li jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat id-digriet taghha ta’ l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu rrizervat li tipprovdi dwar l-istess wara li tisma’ lir-rikorrenti;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rappresentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi primarjament qed issir referenza ghar-rikors tal-konvenut datat l-10 t'April tas-sena 2001 li ai termini tad-digriet relattiv ta' din il-qorti dan kellu jigi dibattut u wara li tisma' lill-partijiet tittiehed id-decizjoni fir-rigward;**

**Illi jirrizulta li l-partijiet qatt ma ddibattew l-istess rikors u konsegwentement din il-qorti qatt ma tpoggiet f'posizzjoni li tkun regolarment informata bid-dettalji tal-posizzjoni assunta mill-partijiet;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tikkonsidra li l-konvenut ma nsistiex ghall-decizjoni u allura tiddikjara li m'hix qed tiehu konjizzjoni tan-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri fuq riferita;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi tenut kont tas-suespost hu issa opportun li l-qorti tghaddi biex tikkonsidra u tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, liema eccezzjoni hi wahda ta' natura preliminari;**

**Illi in sintesi din l-eccezzjoni tghid hekk:**

**1. Illi l-amministrazzjoni tal-beni ekklesjastici li jappartjenu lill-enti tad-Dijocesi ta' Malta tghaddi f'idejn Monsinjur Arcisqof;**

**2. Illi dan hu b'effett mid-19 ta' Awissu, ta' l-1996;**

**3. Illi dan hu a bazi ta' riforma amministrattiva istitwita mill-provincja ekklesjastika ta' Malta;**

**4. Illi l-iskop ta' dan hu li jiccentralizza l-amministrazzjoni tal-beni ekklesjastici tad-Dijocesi ta' Malta;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-oggett meritu ta' din il-procedura hija xbiha tal-Madonna li kienet sitwata f'ghelieqi fil-vicinanzi tal-ajruport;**

**Illi jidher li l-antenati ta' l-attur kienu jiehdu hsieb din ix-xbiha;**

**Illi jidher ukoll li storikament din kienet dejjem meqjusa bhala xbiha sagra dipendenti mill-Knisja Parrokkjali ta' Hal-Luqa;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tad-digriet datat id-19 ta' Awissu ta' l-1996 immarkat Dok AA a fol 7, il-konvenut idoneu biex iwiegeb ghat-talbiet kontenuti fl-avviz odjern, mhux dak hawn indirizzat, stante li din ix-xbiha, li tappartjeni lill-beni ekklesjastici indipendentement minn min kien jiehu l-izbriga li jixghel ix-xemgha kuljum, ma ghandha l-ebda konnessjoni legali ma' l-istess kontenut;**

**Illi del resto l-manutensjoni, anke jekk assidwa, qatt m'ghaddiet id-dritt ta' proprjeta' lill-hadd;**

**Illi ghaldaqstant din il-qorti, anke ghall-ekonomija tal-gudizzju, tiddikjara li hi sodisfatta li l-konvenut pprova l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu u konsegwentement din il-qorti tiddikjara lill-konvenut odjern m'hux il-persuna idonea li jwiegeb ghat-talbiet attrici;**

**Illi ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur nomine.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------